MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Numru 1406/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**Vs**

**Patrick Ruggier**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Patrick Ruggier ta’ 37 sena, iben Roger u Josephine nee’ Cutajar, imwieled Attard, fl-10 ta’ Settembru 1970, u li joqghod f’52 Flat 2, Labour Avenue, Naxxar. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 142271M.

**Billi gie akkuzat**

Talli fil-20 ta' Mejju 2002 u fil-granet u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

U aktar talli, fl-istess data u lok, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' invoice bin-numru 2040 li tippartjeni lil-kumpanija Gravity Computer Services;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli, fl-istess data u lok, xjentement ghamel usu minn tali cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra hekk kif fuq imsemmija;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 169 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli, fl-istess data u lok, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' invoice bin-numru 2040 li tippartjeni lil-kumpanija Gravity Computer Services; billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli, fl-istess data u lok, xjentement ghamel uzu mill-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 184 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta)

u aktar talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif falz

(Dan bi ksur ta’l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MC4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 167, 169, 183, 184, 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Partrick Ruggier, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

tikkundanna lill-imputat Patrick Ruggier ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Patrick Ruggier jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Patrick Ruggier l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------